MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 22/1999/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Anna Said**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti tal-Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi l-intimata giet notifikata b'Avviz ta' Ftehim datat 11 ta' Novembru 1998 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-Mosta tal-kejl ta' cirka 220 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Joseph Sant u ohrajn u mill-Grigal ta' Triq Duramblat huwa ta' mija u seba u ghoxrin Lira Maltija (Lm127) kif jidher mir-rapport tal-Perit John

Sciberras A&CE  tal-25 t'Ottubru 1996 li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ta' Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru 1998 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' elf u hamsin lira Maltin (Lm1,050).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex titrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fil-Mosta fuq imsemmijin, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provedimenti l-ohra mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li din l-esproprijazzjoni tirrigwarda barriera mhux funzjonanti li ttiehdet mir-rikorrenti sabiex tkun mghoddija, anzi inghatat, lill-Korporazzjoni EneMalta sabiex din tkun tista' talvolta taghmel uzu minnha biex jitqieghed fiha distributur tal-energija elettrika.  Din il-barriera in effetti intuzat ghal dan l-iskop.  L-intimata isostni li b'hekk qed isir skop specjali mill-istess barriera u ghalhekk il-kumpens li ghandha tinghata ghandu jiehu kont ta' dan l-iskop specjali;

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Joseph Briffe u l-Perit AIC Godfrey Vella wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

L-esponenti jidrilhom li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont tan-natura ta’ l-art in kwstjoni, li hi agrikola, u fil-posizzjoni li tinsab, huwa ta’ Lm920 jew euro 2143 (elfejn mija u u tlieta u erbghin Euro);

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-art fl-ammont ta’ Lm127.00;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Illi r-relazzjoni tal-periti membri tiehu in konsiderazzjoni in-natura specjali ta’ dan l-espropriju u waslu ghal konkluzzjoni li din tikkwalifika bhala art agrikola;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimata li titrasferixxi bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut , l-art agrikola fil-Mosta tal-kejl ta’ cirka 220 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Sant u ohrajn u mill-Grigal ta’ Triq Duramblat huwa ta’ mija u seba u ghoxrin Lira Maltija (Lm127) kif jidher mir-rapport tal-Perit John Sciberras A&CE tal-25 t’Ottubru 1996 li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ta’ Ftehim u dan versu l-kumpens ta’ elfejn mija tlieta u erbghin euro (Euro 2143.00) bl-imghax legali dovut lill-intimata;

Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-6 ta’ Jannar 2010 fis-1.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Adrian Camilleri biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------